MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2008

Numru. 201/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**-vs-**

**Emanuel Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Azzoppardi ta’ 56 sena, iben il-mejtin Carmel u Carmela nee` Farrugia residenti New Zealand, Ta’ Laurenti, Il-Buskett, Limiti tar-Rabat, imwieled gewwa r-Rabat fis-16 ta’ Dicembru, 1951, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-umru 10352M.

Talli nhar is-sitta u ghoxrin ta’ Jannar tas-sena elfejn u seba, ghal-habta ta’ nofsinhar:

1) Iddenzunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’ mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizgura li dak ir-reat kien sar, u dan b’ ksur ta’ l-atikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2) U aktar talli Emanuel Azzopardi ikkommetta reat fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija nhar il-15 ta’ Marzu, 2006 fl-awla tal-Magistrat Dr. Anthony Vella LL.D.
3) U aktar talli Emanuel Azzopardi sar recediv b’ diversi sentenzi skond l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, datati 4 ta’ Marzu, 2002 – Mag. Dr. C. Peralta LL.D., kif ukoll b’ dik tal-14 ta’ April, 2005 tal-Magistrat Dr. M. Mallia LL.D.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sa biex dan il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 28A, 49, 50 u 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat il-provi.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi brevement il-fatti ta’ dan l-kaz huma s-segwenti.

Illi fis-26 ta’ Jannar 2008 Joseph Azzopardi, bin l-imputat, cempel l-ghassa tar-Rabat biex jirrapporta serq mid-dar tar-residenza tieghu. Ir-rapport li ghamel dan Joseph Azzopardi kien jikkoncerna flus tieghu u ta huh Colin Azzopardi li nstabu nieqsa mill-kamra tas-sodda taghhom fid-dar tar-residenza taghhom. Huma jghixu ma’ missierhom l-imputat.

Illi ufficjali tal-pulizija marru fuq il-post u hemm tkellmu kemm ma’l-imputat kif ukoll maz-zewg uliedu Joseph u

Colin. Hemm l-imputat qal lill-pulizija li kienu ghadhom kif irritornaw d-dar, huwa u z-zewg uliedu raw hafna taqlib fil-kamra tat-tfal u gie nutat li mill-istess kamra nsterqu xi flus appartenenti lill-ulied l-imputat.

Illi fil-kors ta'l-investigazzjoni tal-pulizija rrizulta li Joseph u Colin Azzopardi bdew jissuspettaw f'missierhom minhabba problemi finanzjarji li kellu.

Illi sussegwentement l-imputat ammetta mal-pulizija, u anke f'l-istqarrija tieghu, li kien hu li seraq il-flus ta' uliedu u li qalleb il-kamra ta' uliedu biex "johloq xena ta' serq". L-imputat kien lahaq nefaq ammont zghir mill-flus misruqa u rritorna dak li ma nefaqx lill-uliedu; dawn ma xtaqux li jittiehdu passi kontra missierhom dwar is-serq. Il-Pulizija fil-fatt procediet kontra Emanuel Azzopardi mhux dwar is-serq imma, inter alia, fuq simulazzjoni ta' reat.

Illi mill-atti jirrizulta li l-imputat effettivamnet ikkommetta serq aggaravat ossia kwalifikat bil-valur u lok; huwa pero holoq tracci biex jghati l-impressjoni li kenu terzi li kommettew dan ir-reat u mhux hu.

Illi in oltre jirrizulta li ghalkemm it-telefonata lill-pulizija biex jigi rapputata is-serq ghamilha Joseph Azzopardi, l-imputat kien prezenti meta l-pulizija marru id-dar tieghu biex jinvestigaw ir-rapport. Il-pulizija tkellmu principarjament ma'l-imputat; f'dak l-istadju u b'dak li qal lill-pulizija kien ghadu qed jipprova jsostni l-fatt li kien dahal xi hadd fir-residenza tieghu u seraq il-flus tat-tfal.

Illi l-ewwel imputazzjoni adebieta lill-imputat hija dik ta' simulazzjoni ta' reat. Jirrizulta espressament mill-Ligi li s-simulazzjoni tista' tiehu zewg forom u cioe dik verbali jew diretta u dik reali jew indiretta (ref l-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi l-prosekuzzjoni qed tatribwixxi z-zewg forom ta' dan ir-reat lill-imputat u cioe dik tas-simulazzjoni verbali / diretta u dik ta' simulazzjoni formali / indiretta.

Illi l-imputat qed jibbaza d-difieza tieghu b'mod generali fuq it-tezi li reat kien fattwalment sehh (cioe dak ta' serq aggravat) ghalhekk qatt ma tista' tissusti l-imputazzjoni principali u cioe dik ta' simulazzjoni ta' reat. Dwar l-imputazzjoni ta' simulazzjoni diretta / verbali t-tezi ulterjuri tad-difieza hija li d-denunzja kien ghamilha bin l-imputat u mhux l-imputat.

Illi biex jissusistu z-zewg forom tar-reat prospettat taht l-artikolu 110(2) jehtieg li jikkonkorru numru ta' fatturi li huma elenkati f' Antolisei: Manuele di Diritto Penale[1]:

*Tanto per la simulazione formale come per quella reale la sussistenza del reato dipende da quattro condizioni:*
*1. La simulazione deve aver per oggetto un reato vero e propio…*
*2. Il reato non deve essere avvenuto…*
*3. La denuncia deve essere tale da poter determinare l-inizio di un procedimento penale…*
*4. Non deve trattarsi di incolpazione personale…*

Illi dwar it-tieni kriterju fuq elenkat u cioe l-fatt li biex tissusisti l-imputazzjoni ta' simulazzjoni ta' reat jehtieg li r-reat simulat ma jridx ikun sehh, l-istess awtur ikompli jispecifika li *tale condizione ricorre anche se un fatto delittuoso si e bensi verificato, ma in modo essenzialmente diverso da quello denunciato o simulato. Non cosi se la diversita riguarda soltanto un circostanza del fatto, come nel caso si denuncia un furto aggravato, mentre si e verificato un furto semplice*.

Illi fil-kaz in ezami fattwalment jirrizulta li l-imputat ikkommetta serq aggravat; it-tracci li holoq kienu ta' serq aggravat ukoll -- l-unika differenza kienet f'l-aggravji ghax bit-tracci li holoq ta l-impressjoni li s-serq seta' jigi kwalifikat b' aktar aggravji u li ma kienx hu li kkommtta s-serq. Pero r-reat simulat baqa essenzjalment dak ta' serq aggravat bhar-reat attwalment kommess.

[1] Giuffre 14 Edizione pagna 460

Illi ghalhekk ma gietx pruvata l-ewwel imputazzjoni. L-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat huma sussidjarji ghall-ewwel u ghalhekk lanqas dawn ma tirrizultaw.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------